Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

# MINUTI

# LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

# IS-SEBGHA LEGISLATURA 2017

# SEDUTA NUMRU 38

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi nhar il-Hamis 6 ta' April fil-17.15

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Justin Fenech | - | Vici Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Mario Fava | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsilliera |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsilliera |
| Mauro Miceli | - | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Vince Tanti | - | Segretarju Ezekuttiv |

Skuzati: -

Il-Kunsillier M.Fava cempel li kien ser jittardja imma li ser jattendi. Il-Kunsillieri T.Valentino u M. Miceli informaw li ma setghawx idumu iktar mit-19.45.

**Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti nqraw u gew approvati. Il-Kunsillier M. Miceli ppropona u ssekonda il-Kunsillier P.Fenech.

Kien hemm korrezzjoni mill-Kunsillier T.Valentino fejn fuq punt mill-punti tas-Sindku fuq il-Cow Farm, ipprecizat li kien is-Sindku u mhux il-Kunsill li gie mistieden ghal-laqgha mill-izviluppatur fuq il-progett.

Fuq punt 6, Rapporti mill-Kunsillieri, Il-Kunsillier M. Abela irrimarkat li l-Kunsillier A. Chetcuti kellu jiccekkja li l-izvulallatur originali tal-kumpless Forex, u mhux tal Greens Supermarket li kellu jzomm mal-kundizzjonijiet impost mill- Planning Authority.

Hija kkoregiet ukoll illi fuq il-progett tal-EARDF kien miftiehem li jinbeda x'xoghol immedjetament ghal id-deadline huwa 28 ta'April.

**Budget 2017**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-budget 2017, u spjega kif hadem fuqu peress li kien l-ewwel budget li hadem fuqu. Irringrazzja lill Kunsillier A.Curmi tas-sapport tieghu biex jahdmu kif ukoll lill Accountant Sur Ramon Cutajar u lis-Segretarju Ezekuttiv precedenti Hugh Zammit li t-tnejn li huma wkoll ghenuh iqassmu.

Kien hemm xi mistoqsijiet fuq il-budget u wara diskussjoni gie approvat.

Il-Kunsillier P.Fenech irrapporta ncident li kellu fejn zewg ufficjali tal-pulizija bl-uniformi marru ghandu d-dar u insistew li jakkumpanjhom sa l-ghassa ta' San Giljan. Gie nfurmat mis - Surgent li persuna kienet irrapurtatu li haditilha ritratt fit-triq, f'rapport li kien waslilom 15 il-minuta qabel ma gabruh.

Il-Kunsillier P.Fenech irrimarka mas- Surgent li waqt li hu dam sitt sieghat jipprova jirraporta l-ghassa ksur tal ligi minn kunrtattur, u wara saghtejn icempel l-istess ghassa tal-pulizija San Giljan u baqa ma sar xejn kellu jcempel id-depot biex jaghmel rapport. Wara li ghaddew jumejn il-pulizija ma ghamlet xejn biex tipprotegi l-interess u sahha tal- pubbliku ghax ir-rapport li ghamel hu fuq trailer mghobbi bil-bricks fi triq il Gejza baqa, li wkoll baqa mhux mixghul matul il-lejl ghal tlett t'ijiem shah. Anki s-Sindku ghamel zewg rapporti uifficjali fuq dan it-trailer.

Il-Kunsilleri P. Fenech staqsa ghaliex gie mehud l-ghassa b'dak il-mod u mhux cemplulu biex jinzel hu, biex fuq kollox kull ma qallu s-Surgent hu li jekk ha xi ritratt ma jistax jippublikhom bla permess. Hassu umiljat li griet l-ahbar li l-Kunsillier P.Fenech gie arrestat.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill fuq laqgha li kellha ssir fis- sitwazzjoni fir-rigward ta’ Triq J. Kalleya fuq Wied Ghomor. Is-Sid ta’ l-art taht din it-triq qieghed jahdem l-art tieghu u qed johloq hafna anzjeta fost ir-residenti ta’ din l-istess triq, li qed johorgu hafna ghajdud fuq x’ser jigri mill- wied. Persuna, Julian Caruana talab lir-residenti jiltaqghu mas-sid, is Sur Gorg Bugeja, u l-Kunsillier P.Fenech offra li ssir laqgha fis-sala tal-kunsill, li jmexxi s-sindku u li jigu mistednin residenti tal-lokalita izda s-Sur Caruana ma riedx, ghax xtaq li l-laqgha tkun ghar-residenti biss u mhux mmexxijja mis-Sindku. Saret diskussjoni fuq dan u gie deciz illi nhallu l-laqgha ssir u jattendi min irid.

**Rapport tas-Sindku**

Is-Sindku pprezenta rapport tal hidma tieghu – kopja tar-rapport mehmuz bhala Appendici A.

Fost dawn il-punti li gew msemmijja mis-Sindku kien hemm diskussjoni fuq li-spejjes zejda li ghamel Chris Galea, kuntratur ta’ gbir ta’skart. Il-Kunsillier M. Fava rrakkomanda li niflu l-kuntratt eziztenti u naraw hemmx xi klawsola li tista tghina nsolvu din il-problema ta’ li spejjez zejda li ghamel dan il-kuntrattur. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jahdem fuq dan il-punt.

**Rapporti Mill-Kunsillieri**

Il-Kunsillier M. Abela infurmat li hija attendiet ghal-laqgha li saret mill-Agenzija Funding Support, fir-rigward ta’ fondi fuq li-skema EAFRD Measure 4.4, li titratta fuq hitan tas-sejjieh. Hija tkellmet ma Ms. Alison, fejn spjegat li l-agenzija taghha tiehu hsieb kollox fir-rigward applikazzjonijiet u xoghol iehor. Il-Kunsill jrid ihallas fee ta €850.00 plus VAT. Kien miftiehem li jinbeda x’xoghol immedjetament ghax id-deadline huwa 28 ta’April. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Il-Kunsillier A. Curmi staqsa rigward il-kuntratt ta’ kiri tal-vettura kummercjali li fil-prezent jaghmel uzu minnha l-Kunsill. Huwa staqsa jekk wasalx zmien sabiex il-Kunsill jinvesti u jakkwista l-vettura tieghu minnflokk jikirha minn kumpaniji privati. Wara diskuzzjoni, gie deciz li s-Segreatrju Ezekuttiv se jindaga l-ispejjez kollha relatati ma’ dan l-akkwist.

**Approvazzjoni ta’ pagamenti u xiri iehor**

Giet ipprezentata l-iskeda ta’ pagamenti nru.30 li giet iccirkulata minn qabel ma’ kull kunsillier. Dawn il-pagamenti gew approvati minn dawk prezenti minbarra dawk dovuti lil Mica Med Ltd. Il-Kunsillier A. Curmi pprezenta rapport idettaljat dwar din l-iskeda li se jkun aness ma’ dawn il-Minuti bhala App. B.

Din is-seduta kellha tieqaf fit-20.00 minhabba nuqqas ta’ quorum u giet aggornata biex titkompla nhar l-Erbgha 26 t’April fil 17.00.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |